**67. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## GĦOTI B'KERA TA' FOND NRU. 34E TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA, LILL-MALTA PUBLISHING COMPANY LTD.

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lill-Malta Publishing Company Ltd. il-fond Nru. 34E, Triq l-Arċisqof, Valletta, reġistrat bħala Government Tenenment Nru. 60176, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-pattijiet u kondizzjonijiet li jinsabu fl-Abbozz ta' Ftehim li kopja tiegħu tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartiklu (1) tal-artiklu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżoltu li l-fond fuq imsemmi 34E Triq l-Arċisqof, Valletta, jista' jiġi mogħti lill-imsemmija kumpannija Malta Publishing Company Ltd., għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

08.07.1977